FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR 12 TA' FRAR 2002

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDER PAUL MIRUZZI
VS
CHARMAINE (CARMELA MARIA) CORTIS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Charmaine (Carmena Maria) Cortis ta' 32 sena bint Mario Paul u Josephine xebba Mamo imwielda Attard fil-25 ta' Jannar 1969, u residenti block C2, Flat 8, triq id-Duluri Pieta u detentrici tal-karta tal-identita numru 104269M talli f'dawn il-gzejjer fl-1999, bhala ufficjal jew impjegata pubblika, fl-esercizzju tad-dmirijiet taghha, ghamlet falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi jew f'firem, jew billi dahhlet isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba maghmula jew imnizzla f'registri jew f'atti pubblici ohra, wara li kienu gew ifirmati jew maghluqa. Dan bi ksur ta' l-artikolu 179 tal-kap 9 tal-Kodici Kriminali Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz u dan bi ksur tal-artikolu 188 tal-kap 9 ta Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq

haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika hamel qliegh bi hsara ta' haddiehor. Dan bi ksur tal-artikolu 308 tal-kap 6 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi tratat bi procedura sommarja.

Rat in-nomina tal-Espert Martin Bajada u ir-relazzjoni minnu esebita u mahlufa.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi id-Dipartiment tas-Sahha kien kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar incident li fih setghet kienet involuta Charmaine Cortis, l-imputata.

Irrizulta illi l-ufficjal mid-Dipartiment tas-Sahha E. Borg inkarigat mis-Sezzjoni tad-Dixxiplina, gharraf lill-istess Dipartiment tas-Sahha, li b'dokument datat 3 t'Awissu 1999, l-imputata kienet intitolata ghal 24 siegha time of in lieu u dawn l-ammont ta' sieghat gew mibdula biz-zieda tan-numru 3 biex b'hekk Cortis tidher illi qed titlob ghal 324 sieghat time of in lieu.

Id-Dipartiment tas-Sahha ikkomunikaw mal-Avukat Generali u minflok passi dixxiplinarji interni gie deciz illi jittiehdu passi kriminali.

L-ufficjal prosekutur ghaldaqstant baghat ghal Chairmaine Cortis li f'dak il-perjodu kienet qed tistudja il-Bulgarija.

Illi ftit wara it-18 t'April id-Dipartiment tas-Sahha ircevew nota minghand l-imputata b'talba sabiex hi ma tibqax taghmel parti mis-Servizz Pubbliku minhabba l-istudji taghha pero id-Dipartiment ma accettax u ghalhekk hi kellha tirrizenja mis-Servizz Pubbliku.

Kif irritornat Cortis, fis-6 ta' Jannar 2001, bdew l-investigazzjonijiet.

L-imputata irrilaxxat stqarrija, cahdet illi kienet ghamlet kwalunkwe falsifikazzjoni ta' xi dokument u sostniet pero illi hija kienet intitolata ghal aktar minn 24 siegha time of in lieu.

Gew esebiti 2 kopji ta' dokumenti li l-pulizija ircevew mid-Dipartiment tas-Sahha li pero mhumiex originali.

Gew esebiti min Emanuel Borg fotokopja ta' ittra tat-3 ta' Awissu 1999 (Dok AM) u Dok AM3 li hija l-istess ittra biz-zieda tan-numru 3 illi l-prosekuzzjoni qed tallega illi hija l-ittra illi l-imputata iffalsifikat.

Il-Qorti ordnat imbaghad illi jigu esebiti l-ittri bil-kaligrafija originali tal-imputata illi hija setghet baghtet lid-Dipartiment tas-Sahha u dana ai fini ta' komparazzjoni u ghaldaqstant gew esebiti Dok EMZ1 u 2.

Illi ghaldaqstant il-Qorti kienet innominat lil Martin Bajada sabiex jaghmel komparazzjoni ma' Dok AM3 u d-dokumenti ta' kaligrafija originali tal-imputata dok EMZ1 u 2.

L-espert Martin Bajada ikkonkluda illi "peress illi d-Dokument AM3 mhux id-dokument originali u l-anqas photocopy tad-dokument originali, imma photocopy ta' "facsimile transmission" u ghaldaqstant "second generation copy", tali "facsimile transmission" tohloq "distortion" tant li l-analizi kaligrafiku fuq figura wahda hi impossibbli."

Illi siccome ma jesisti ebda prova ohra migjuba kontra l-imputata u siccome tali falsifikazzjoni setghet saret min kwalunkwe persuna illi setghet riedet tagevola jew tgharraq lill-imputata din il-Qorti ma tista bl-ebda mod tkun konfortabbli bis-sejba ta' htija tal-imputata.

Ghaldaqstant ssibha mhux hatja skond l-akkuza u tilliberaha.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.